# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Numru 635/2011 SM**

**Darren Galea**
**I.D. Numru 71786 (M)**

**vs.**

**Dorothy Freeman**
**(I.D. Numru 77161 (M)**
**U b'digriet datat iz-17 t'Awwissu, 2011, isem l-intimata inbidel ghal Mary Doris *sive* Dorothy Borg**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi l-intimata hi debitrici tieghu fl-ammont komplessiv ta' tmienja u tletin elf Ewro, (€38,000.00), *oltrè* l-imghaxijiet kummercjali relattivi dovuti mis-26 t'Awwissu, 2009, sal-pagament effettiv *ai termini* tal-iskrittura privata *in atti* datata s-26 t'Awwissu,2009, (ara foll 3 u 83);

1.2. Illi l-intimata ffirmat l-istess skrittura indikata fil-paragrafu precedenti u ghalhekk ikkostitwiet lilha nnifisha bhala vera, certa u likwida debitrici tar-rikorrenti;

1.3. Illi *nonostante* diversi weghdi da parti ta' l-intimata li kienet ser thallsu l-ammont hekk dovut, ir-rikorrenti baqa' ma rcieva l-ebda pagament minghandha;

1.4. Illi minkejja li debitament interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, l-intimata baqghet inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunità tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara, tiddeciedi u tikkundanna lill-intimata thallas s-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000.00), *oltrè* l-imghaxijiet legali mis-26 t'Awwissu, 2009, sad-data ta' l-effettiv pagament, u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5.2. Bl-ispejjez kif hemm dedotti;

2. Rat id-digriet taghha *ai termini* ta' l-artiklu 169 tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq indikati datat it-18 ta' Lulju, 2011, (ara foll 5);

3. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu, wara talba appozita datata l-1 t'Awwissu, 2011, laqghet it-talba tar-rikorrenti hemm kontenuta u ghalhekk ordnat li isem l-intimata jigi mibdul ghal dak hemm indikat kull fejn jirrikorri, (ara foll 18 u 20);

4.0. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet:

4.1. Iddikjarat li hemm ragunijiet bizzejjed biex taghti opportunità lill-intimata twiegeb; u

4.2. Konsegwentement akkordat lill-intimata t-terminu hemm indikat biex tipprezenta r-risposta taghha *in atti*, (ara foll 65);

5.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata datata l-25 ta' Gunju 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

5.2. Illi ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.3. Illi l-ammont mitlub mhux dovut;

5.4. Illi l-intimata hallset lir-rikorrenti hmistax -il elf Ewro (€15,000.00);

5.5. Illi l-intimata kienet thallas l-ammont ta' hames mitt Ewro, (€500.00), fil-gimgha ghal madwar sitt (6) xhur;

5.6. Illi l-bilanc ma thallasx *stante* li l-kirja giet terminata u ghalhekk, ir-rikorrenti rega' ha lura l-makkinarju li kien jifforma parti mill-prezz pattwit;

5.7. Illi ghalhekk, l-intimata m'ghandha taghti xejn lir-rikorrenti;

5.8. Salv risposti ulterjuri;

5.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

6. Rat id-digriet taghha datat it-28 t'April, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali tal-intimata, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 165);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-21 ta' Mejju, 2015, (ara foll 167), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata datata d-9 ta' Gunju, 2015, (ara foll 179);

8. Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mir-rikorrenti datata t-12 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha rriduca l-ammont minnhu mitlub ghal dak hemm indikat, (ara foll 192);

9. Semghet lix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

11. Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12. Illi essenzjament permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qieghed jitlob l-ammont kif indikat fin-nota ta' riduzzjoni tieghu datata it-12 ta' Gunju, 2015, (ara paragrafu tmienja (8) aktar qabel);

13. Illi dan l-ammont l-istess rikorrenti qieghed jitolbu mill-intimata a bazi ta' l-iskrittura privata redatta minnhom u datata s-26 t'Awwissu, 2009, (ara foll 83);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fl-imsemmija skrittura privata l-partijiet essenzjalment qabblu fuq is-segwenti: (ara foll 83)

14.1. Illi r-rikorrenti ha s-somma ta' tmienja u tletin elf Ewro, (€38,000.00), minghand l-intimata;

14.2. Illi s-somma fuq indikata hadha minghand l-intimata bhala rigal ghall-hanut bl-isem ta' *"Workers Snack Bar"*, il-Handaq;

14.3. Illi s-somma ta' €3,947.00 tithallas fid-29 t'Awwissu, 2009, lil Carmelo Scerri, sid il-kera tal-fond indikat fil-paragrafu precedenti;

14.4. Illi l-bilanc ta' €34,053.00 jithallas mill-intimata lir-rikorrenti ratealment bir-rata ta' €500.00 fil-gimgha li jibdew jiddekorru mill-5 ta' Settembru, 2009;

14.5. Illi l-pagamenti rateali riferiti fil-paragrafu precedenti kellhom jinqassmu fuq 69 gimgha;

14.6. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu numru erbghatax punt tlieta kellhom jithallsu lis-sid hemm indikat biex:

14.6.1. Ikopru l-ispejjez tad-dawl u ilma;

14.6.2. Bhala rigal;

14.7. Illi l-istess ftehim hu ffirmat mill-kontendenti odjerni u minn Carmelo Scerri fuq riferit;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi l-fatti riskontrati mill-evidenza prodotta jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

15.1. lllli r-rikorrenti kien kera u jiggestixxi il-hanut in dizamina, (ara foll 74);

15.2. Illi l-intimata kienet tikkonsenja id-*doughuts* lill-istess rikorrenti fl-imsemmi hanut, (ara foll 124);

15.3. Illi minn din il-prossimità bejn il-kontendenti rrizulta li r-rikorrenti informa lill-intimata li ried iwelli l-istess hanut lil terzi, (ara foll 74 u 124);

15.4. Illi wara li l-intimata wriet interess fil-gestjoni ta' l-istess hanut, il-partijiet innegozjaw il-kundizzjonijiet ghall-istess u kkristallizzaw dawn fl-iskrittura privata datata s-26 t'Awwissu, 2009, fuq esposta, (ara paragrafu numru erbghatax, (14), aktar qabel);

15.5. Illi fl-istess skrittura privata kien ukoll necessarjament involut is-sid ta' l-istess hanut,

(ara paragrafu numru erbghatax punt tlieta, (14.3.) aktar qabel);

15.6. Illi l-intimata ssostni lir-rikorrenti kien informha li l-hanut kien jiflah certu kwantità ta' xoghol, (ara foll 125), izda meta l-istess intimata talbitu biex jikkoncedilha l-gestjoni ta' l-istess hanut b'xahar ta' prova, r-rikorrenti irrifjuta, (ara foll 124), izda kkonceda biss li joqghod gimgha maghha, (ara foll 125);

15.7. Illi wara din l-esperjenza ta' gimgha fuq riferita, l-intimata indunat li hanut fil-Handaq, limiti ta' Hal Qormi, ma kienx ser ikollu dik il-kwantità ta' patrunagg li r-rikorrenti kien indika lill-intimata li kien ser ikun hemm, (ara foll 125);

15.8. Illi in effetti, fit-tieni gimgha gestita mill-intimata, il-patrunagg riskontrat kien anqas minn dak lilha indikat, (ara foll 125);

15.9. Illi in vista ta' l-istess l-intimata talbet riduzzjoni fil-kirja miftehma, (ara foll 125);

15.10. Illi ghalhekk, il-partijiet qabblu li l-ammont kellu jkun dak indikat fl-iskrittura privata fuq riferita, (ara foll 125);

15.11. Illi minn dan il-punt il-quddiem il-versjonijiet tal-kontendenti jibdew jiddipartixxu minn xulxin;

15.12. Illi filwaqt li r-rikorrenti jsostni li:

> ".... minn Dorothy Freeman (Borg) ma ircevejt assolutament lanqas centezmu wara dan il-ftehim...." (ara foll 76),

l-intimata min-naha taghha ssostni li:

> "Kif lestejna din il-karta a foll 3, (ara foll 83), lil Darren tajtu ghaxart elef Ewro", (€10,000.00), "il-gurnata tal-gimgha tajtu hames elef" (€5,000.00) ohra u l-

kumplament bdejt naghtihomlu hames mija "(€500.00), fil-gimgha", (ara foll 125);

15.13. Illi l-istess intimata ssostni wkoll li taf li meta hallset l-ghaxart elef Ewro, (€10,000.00), fuq imsemmija, r-rikorrenti ma irrilaxxa l-ebda ricevuta ghall-istess, (ara foll 125);

15.14. Illi jirrizulta però li meta gie effettwat il-pagament indikat fil-paragrafu precedenti l-ammont involut inghata lill-intimata prezenzjalment waqt ir-redazzjoni ta' l-iskrittura minn Francis Saviour Borg li kien jahdem u jbiegh id-*doughnuts* ma' l-intimata u dan l-ammont inghadda lir-rikorrenti fil-prezenza tieghu stess, (ara foll 145);

15.15. Illi l-istess Borg isosstni wkoll li:

> ".... gimgha wara tajtha hamest elef Ewro (€5,000.00), ohra ghall-istess skop", (ara foll 145);

15.16. Illi *di più*, jikkonferma wkoll il-versjoni ta' l-intimata li din:

> "... kienet qed thallas lil Darren Galea hames mitt Ewro, (€500.00), fil-gimgha. Dawn kienet taghtihomlu *cash* jew cekkijiet. Damet thallsu dawn l-ammonti …. ghal sitt (6) xhur", (ara foll 145);

15.17. Illi xhud indipendenti mill-kontendenti jafferma bil-gurament tieghu li l-intimata kienet:

> "...tatni xi flus u kont hadthom lil Darren. Jien ircevuta m'ghandiex", (ara foll 115);

15.18. Illi mat-terminazzjoni tal-kirja r-rikorrenti ha lura l-makkinarju u l-oggetti kollha prezenti fl-istess hanut, (ara foll 116 u 126);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti tirrizulta superficjalment konsolidata bi skrittura privata xejn rassikuranti;

16.2. Illi l-pagamenti involuti l-istess jirrizultaw erratici u mhux dokumentati bil-ghaqal u skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess din il-vertenza tistà tigi biss rizolta a bazi ta' kredibilità;

18. Illi l-*onus* legali in dizamina jippernja fuq il-fatt li fi procedura ta' natura civili, l-prova ibbazata fuq il-probabilità hi bizzejjed biex tinduci lill-gudikant biex jistrieh fuq tali rizultanzi, (ara **Xuereb vs. Gauci et, Qorti tal-Appell (sede inferjuri)**, datata l-24 ta' Marzu, 2004);

19. Illi tenut kont ta' l-istess din il-qorti thoss li l-versjoni ta' l-intimata timmerita l-avall ta' din il-qorti *stante* li tirrizulta suffragata b'xhieda indipendenti mill-kontendenti kif fuq elenkat, (ara paragrafu numru hmistax punt sbghatax, (15.17.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li ghalhekk ir-rikorrenti ma pprovax it-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.2. Takkolji r-risposti kollha ta' l-intimata;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**